MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 589/2006

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Peter Fenech u Mariushka Fenech**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-10 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija u disgha u tletin cenezmu (Lm820.39) dovuta kwantu ghal sebgha mija u tlettax il-lira Maltija u centezmu (Lm713.01) bhala bilanc fuq self ta' tip flexicredit u kwantu ghal mija u sebgha liri Maltija u tnienja u tletin centemzu (Lm107.38) bhala imghaxx kapitalizzati fuq is-self sas-6 ta' Gunju 2006, b'l-imghaxxijiet ulterjuri u b'l-ispejjez.

Ra li permezz ta' nota prezentata fis-27 ta' Settembru 2006 l-konvenut ammetta t-talba attrici kwantu ghal nofsha.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija u disgha u tletin cenezmu (Lm820.39)b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------